MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1896/2002

**Avviz Numru 1896/02 AJD**
**Av. Simon Tortell**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami li b'digriet tat-3 ta' Settembru 2002 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Andrei Tchmil**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Awissu 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' tmien mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm833.00) rapprezentanti hlas ta' onorarju u spejjes inkorsi mill-attur sabiex il-konvenut jottjeni permess ta' residenza.
Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra r-risposta prezentata minn Dr. Beppe Fenech Adami bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Andrei Tchmil fejn huwa qal li m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din it-talba u rriserva li jipprezenta risposta ulterjuri jekk u meta jkun edott mill-fatti.

Sema' x-xhieda tal-attur u tal-PL Sarah Jacobsen. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-attur xehed li l-konvenut kien avvicinah stante li ried jottjeni 'residence permit' ghal hawn Malta. L-ufficju legal ital-attur kien ha hsieb il-process kollu sabiex jinhareg dan il-permess, inkluz il-kiri ta' appartament ghal-konvenut hawn Malta stante li din hija wahda mill-kundizzjonijiet rikjesti mill-ligi ghall-hrug ta' permess ta' din in-natura. L-attur qal ukoll li huwa kien ftiehem mal-konvenut li dan tal-ahhar ihallas onorarju ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) fis-sena. Skond ma jirrizulta mill-ittra datata 16 ta' Mejju 2002 (a fol. 28 tal-process) l-attur kien interpella lill-konvenut ihallsu l-ammont ta' Lm1393.85 (Euro 3,485) liema ammont kien jirrapprezenta l-onorarju dovut ghas-sena 2001 u ghas-sena 2002, kif ukoll l-ammont ta' Lm300.00 li l-attur kien avvanza ghan-nom tal-konvenut in kwantu jirrigwarda l-kera tal-appartament ghax-xhur ta' April u Mejju 2002. In segwitu ghal din l-ittra nterpellatorja l-konvenut kien effetwa pagament ta' Euro1390 ( ara d-dokument a fol.31) u kien ghalhekk ghad fadal jithallas bilanc ta' Euro 2095. L-attur interpella lill-konvenut sabiex ihallas dan il-bilanc permezz ta' ittra datata 27 ta' Mejju 2002 (esebita a fol. 32) u, dejjem skond l-attur, dan il-bilanc ghadu dovut sal-llum.

Illi mid-dokumenti esebiti a fol. 34 et seq. tal-process jidher li l-kuratur deputat ghamel tentattiv sabiex jikkomunika mal-konvenut fl-indirizz fornit lilu mill-attur izda l-konvenut baqa' ma kkomunikax mieghu.

Illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm833.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**